# Tagħrif fuq San Bert

**Mis-Sur Toni Borg**



San Bert huwa wieħed mit-tnax-il Appostlu li għażel Ġesù Kristu biex iwettaq il-missjoni tiegħu. Natanael kif huwa propja ismu kien magħruf bħala 'Bar Talmai' (Iben Talmai) u kien minn Cana tal-Galilea minn fejn kienu ħafna mill-Appostli. Minn hemm Kristu beda l-missjoni tiegħu. Aktarx li Bartilmew kien preżenti fit-tieġ ta' Cana flimkien ma' San Filippu.

San Filippu kompla segwa lil Ġesù waqt li Bartilmew baqa' għaddej bil-ħajja normali tiegħu. Jum minnhom Filippu qal lil Natanael li kien induna li Ġesù iben Ġużeppi minn Nazzaret kien il-Messija mwiegħed mill-profeti. Natanael qallu li minn Nazzaret ma joħroġ xejn tajjeb u Filippu qallu int ejja ħa tara. Kif wasal viċin Ġesù Kristu dar fuq in-nies u qalilhom. Dan hu 'L-Iżraelità ta' veru li fih m'hemmx qerq' Hu qallu kif tafni u Kristu qallu qabel kelmek Filippu kont diġa rajtek taħt is-siġra tat-tin. U minn hemm Bartilmew baqa' dixxipplu ta' Ġesù.



San Bert huwa msemmi fil-vanġelu erba' darbiet, minn San Luqa, San Mattew, San Mark u San Ġwann. Huwa msemmi ukoll fl-Atti tal-Appostli kif ġej.

F'San Luqa - Kap 6 vers14 meta Kristu għażel lill-Appostli bħala it-tnax speċjali minn fost is-segwaċi tiegħu hemm imsemmi Bartolomew.

F'San Mattew - Kap 10 vers 3 meta Kristu tas-setgħa lit-tnax biex ikeċċu x-xjaten u jfejqu l-morda. Ukoll l-evanġelista jsemmi lil Bartilmew.

San Ġwann - Kap 1 vers 45 isemmi il-laqgħa li Bartilmew kellu ma Kristu kif spjegata fit-tieni paragrafu u fil-Kap 21 vers 2 meta saret is-sajda mirakuluża li kien wieħed mis-sitt dixxipli preżenti.

Fl-Atti tal-Appostli San Bartilmew imsemmi flimkien mat-tnax l-oħra meta Kristu tela' s-sema bir-Ruħ u l-Ġisem mistiku tiegħu.

X'ġara minn San Bert wara li Kristu tela' s-sema? Kristu kien bagħat lill-Appostli jxerrdu t-tagħlim tiegħu mal-erba' t'irjieh tad-dinja (magħrufa dak iż-żmien).

M'hemmx tagħrif miktub dwar fejn evanġelizza Bartilmew pero' hija tradizzjoni kostanti ħafna u anke pruvata f'xi postijiet. Huwa mar jippriedka fil-Mesopotamia, fil-Persja (Iran) u madwar il-Baħar l-Iswed, fl-Armenia u ftit ġol-Indja.

Jingħad li l-Armenia kien l-aħħar post fejn ippriedka Bartilmew fejn hemm sab il-martirju jistennih. Jingħad li hawnhekk San Bert kien ikkonverta lir-Re tal-post (Polemju) billi kien keċċa lix-xitan mill-idolu prinċipali li kien hemm fit-tempju tagħhom u wara kisser l-istatwetti kollha tal-idoli l-oħra.



Ir-Re ordna li Bartilmew jinqabad u jissawwat u wara joqtluh. Hemm żewġ verżjonijiet tal-martirju kif ġara. Hawn jew kien hemm min jgħid li Bartilmew kellu rasu maqtuha u l-verżjoni l-aktar magħrufa u aċċettata mill-Knisja hi li San Bert tqaxxar ħaj ma' siġra u wara salbuh rasu l-isfel bħal San Pietru. Infatti l-pitturi li jeżistu kważi kollha jġibu lil San Bert imqaxxar, anke fil-Kappella Sistina tal-VATIKAN. Fil-pittura l-kbira ta' Michelangelo dwar l-aħħar Ġudizzju San Bert jidher ġo post prominent tagħha bil-ġilda ta' ġismu mdendla fuq idejh tax-xellug, pero' qiegħed imlibbes.

Ir-relikwi mill-ġisem ta' San Bert skont it-tradizzjoni nġarru mill-Armenia fejn inqatel għall-gżira ta' Lipari maġenb Sqallija fejn kien meqjum b'għożża kbira fis-seklu 17 u minn hemm inġarrew għal Benevento fl-Italja fis-sena 809 u wara spiċċa fil-Knisja ta' San Bert li hemm f'Ruma fuq it-Tebere, fejn għadhom sal-lum. Xi biċċiet żgħar ta' għadam jew ilbies tiegħu tqassmu f'Arċidjoċesi differenti madwar id-dinja.